**QORTI CIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

**Seduta nhar l-Erbgha 7 ta' Dicembru 2016**

**Rikors Numru. 926/2016JPG**

**Kawza Numru: 18**

**Rikors mahluf numru 862/2016JPG**

**Philip sive Pinu Azzopardi**

**VS**

**Rosina Cassar, Raphael Scerri,**

**Maria Debono, Silvia Zammit**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta' Raphael Scerri (ID 358168M), Rosina Cassar (ID 606028m), Maria Debono (ID 727743M) u Silvia Zammit (ID 185042M) datat 17 t'Ottubru, 2017 li jaqra hekk:

*Illi l-kawza fl-ismijiet "Rosina Cassar et vs. Philip sive Pinu Azzopardi" tinsab pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta.*

*Illi fil-5 ta' Settembru 2016 Philip sive Pinu Azzopardi talab il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kontra Rosina Cassar, Raphael Scerri, Maria Debono u Silvia Zammit, liema talba nghatat in-numru 1287/16.*

*Illi dakinhar stess it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru ntbaghatet quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, li pprovdiet kif gej:*

*"Il-Qorti, Rat ir-rikors; Fl-ewwel lok tosserva li hemm nieqes ir-raguni ghat-talba kif mehtieg skond l-Art. 831 tal-Kap. 12."*

*Ghalhekk, il-mandat ma giex akkordat.*

*Illi bejn dakinhar u l-10 ta' Ottubru 2016, ir-rikorrent permezz tad-difensur tieghu mar ta' sikwiet jipprova jara l-mandat, li sar jaf bih tramite agenzija tal-krediti, biex jikseb taghrif fuqu. Izda huwa gie nfurmat illi l-mandat jinsab ghand l-Imhallef, u qatt ma rnexxielu jara l-mandat.*

*Illi fis-6 ta' Settembru 2016 il-Qorti pprovdiet ulterjorment fuq it-talba:*

*"Il-Qorti, Rat ir-rikors; Peress li jidher li <u>wara</u> d-digriet preliminari ta' din il-Qorti .... l-kawzali; Tordna li d-digriet odjern flimkien mal-att relattiv jigi komunikat lid-Direttur Qrati Civili sabiex jaghti spjegazzjoni."*

*Illi fid-9 ta' Settembru 2016 l-Assistent Registratur Eunice Grech Fiorini pprezentat Nota tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali li taqra hekk:*
*"Li biha in segwitu ghad-Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tas-6 ta' Settembru 2016, jikkonferma illi in segwitu ghad-Digriet preliminari ta' din l-Onorabbli*

*Qorti tal-5/9/2016, ir-rikorrent, tramite l-Prokuratur Legali tieghu, inserixxa l-kawzali fuq l-istess mandat.*

*Illi l-esponenti jirrileva li ai termini tal-artikolu 184 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa ma jistax jirrifjuta atti hlief fil-kazijiet indikati fl-istess Kodici."*

*Dan ifisser illi l-kitba bl-idejn mizjuda fit-tieni faccata tat-talba ghall-hrug tal-mandat ma kenitx hemm meta giet ipprezentata t-talba fil-5 ta' Settembru 2016. Dan kien jirrendi t-talba ghall-hrug ta' sekwestru nulla u bla effett u irritwali peress li l-Artikolu 831 tal-Kap 12 kien jirrikjedi l-indikazzjoni tal-kawzali 'ad validitatem', u din il-kawzali kienet nieqsa.*

*Illi fis-7 ta' Ottubru 2016 l-istess Philip sive Pinu Azzopardi pprezenta Nota –*

*"Li biha qed jiddikjara illi l-kawzali ta' dan il-mandat huma danni, multi u penali inkorsi, kawza tal-agir abbuziv li biha ma tistax tigi kompletata l-procedura fiskali, inkluz 'causa mortis' ta' Salvatore Zammit – 159028M."*

*Illi l-kawzali, li kellha tkun miktuba u indikata fit-talba ghall-hrug ta' sekwestru fil-hin tal-prezentata ta' l-att, mhux biss ma kienitx tezisti dak il-hin, izda wkoll baqghet ma gietx indikata sewwa.   Difatti:*

*1) "danni, multi u penali inkorsi" mhix indikazzjoni cara bizzejjed;*

*2) "kawza tal-agir abbuziv li biha ma tistax tigi kompletata l-procedura fiskali" mhix indikazzjoni cara bizzejjed stante li ma giex spjegat f'hiex jikkonsistu l-agir allegat u l-abbuz allegat;*

*3) "inkluz 'causa mortis'" mhix indikazzjoni cara bizzejjed stante li Philip sive Pinu Azzopardi qed jahbi l-fatti veri.*

*Illi l-mandat inhareg bil-firma, bl-ordni u bl-awtorizzazzjoni ta' l-Imhallef tal-Qorti Civili fl-10 ta' Ottubru 2016.*

*Illi Philip Azzopardi naqas li jiddikjara u juri lill-Qorti illi din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta kienet harget* ***Mandat ta' Inibizzjoni Numru 155/11 JZM*** *kontra tieghu li bih gie inibit milli jkollu access ghall-assi ereditarji tad-decujus Salvatore Zammit (ID: 159028M) stante li kienet giet ipprezentata kawza civili li biha qed jigi impunjat l-ahhar Testment ta' l-istess Salvatore Zammit. Konsegwentement, ir-**raguni vera** ghala Salvatore Zammit ma pprezentax id-dikjarazzjoni 'causa mortis' hija li nhareg mill-Qorti Civili mandat ta' Inibizzjoni Numru 155/11 JZM kontra tieghu u mhux minhabba xi agir abbusiv. Ghalhekk, kienet il-Qorti li impedietu u mhux ir-rikorrenti bl-allegat "agir abbuziv" taghhom. L-esponenti talbu l-impunjattiva tat-testment li bih Philip Azzopardi gie istitwit eredi, u tali rimedju hu lilhom konsentit mil-ligi. Konsegwentement, ma jistax jigi sanzjonat tali rimedju ghal min ifittex ghall-jeddijiet tieghu.*

*Illi Philip Azzopardi qatt ma talab l-impunjazzjoni tal-imsemmi mandat ta' Inibizzjoni mahrug kontra tieghu. Dak il-mandat ghadu fis-sehh u jorbot lil Philip Azzopardi li ma jaccedix ghall-assi ereditarji. Ghalhekk, il-mandat ta' sekwestru Numru 1287/16 mitlub minnu fil-5 ta' Settembru 2016 b'mod irregolari, irritwali u fazull, u akkordat fl-10 ta' Ottubru 2016, gie <u>maghmul hazin</u> u <u>nhareg hazin</u> u <u>m'ghandux jibqa' fis-sehh</u> ghaliex inhareg wara li Philip Azzopardi heba r-ragunijiet vera lill-Qorti, u cioe` l-ezistenza ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra tieghu biex ma jmiddx idejh fuq l-eredita` minhabba l-kawza biex jigi impunjat l-ahhar Testment ta' Salvatore Zammit.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta:*

1) *thassar il-mandat ta' sekwestru miksub minn Philip Azzopardi kontra l-esponent a bazi ta' allegazzjoni inveritjiera dwar "agir abbuziv", meta fir-realta` kien proprju hu li kien jahti ta' agir abbuziv;*

2) *tordna l-hlas ta' penali lill-esponenti kongjuntement minhabba li Philip Azzopardi talab il-hrug ta' mandat ta' sekwestru meta l-pretiza tieghu f'dan il-kuntest hi ghal kollox fiergha.*

Rat id-digriet taghha tal-20 t'Ottubru, 2016 li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghad-9 ta' Novembru, 2016;

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**

**Raphael Scerri** xehed a fol 11 - 13 illi huwa sar jaf bil-mandat in kwistjoni xi tliet gimghat jew xahar qabel meta kien cempillu habib tieghu u qallu li fuq l-internet kien jidher li hemm mandat ta' sekwestru kontra tieghu, u ghalhekk kien ikkomunika mal-avukat tieghu fuq dan, li minn naha tieghu, kien ipprova jaghmel indagini fuq il-mandat, izda dam hafna biex jara dan il-mandat. Scerri kkonferma illi s-sekwestrati kienu ghamlu Mandat ta' Inibizzjoni li kien gie deciz mill-Imhallef Zammit McKeon.

**In kontro-ezami** a fol 13 – 17 xehed illi l-kawza li fethu huma hija fuq it-testment ta' Salvatore Zammit li jigi l-kugin ta' missieru u l-kawza saret biex jattakaw il-validita ta' dan it-testment li istitwixxa lis-sekwestrant bhala l-unika eredi universali.

**Philip Azzopardi** xehed a fol 18  - 20 illi huwa intavola l-mandat ghaliex is-sekwestranti zammewh milli jhallas id-denunzja u ma jista' jaghmel xejn.

**In kontro-ezami** a fol 20 – 22 sostna illi ghamel il-mandat ghaliex kien qed jinkorri multi il-ghaliex kien mizmum milli jhallas id-denunzja. Xehed ukoll illi l-mandat intavolah biex hu jkun jista' jirievi l-assi tal-wirt galadarba l-wirt jghajjat lilu.

**Ikkonsidrat:**

It-talba odjerna tirrigwarda talba ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru 1287/16 u mic-cirkostanzi jidher illi din it-talba qed issir ai termini ta' Artikolu 836 (1) (f) tal-Kap 12;

Illi l-**Artikolu 836 (1) (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** jipprovdi li :

> ***"(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun hareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal  kollox sew***

***f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:-***

(a) ***Sa (e) Omisses***

***(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli".***

Qabel ma tezamina, l-kawzali fuq indikat, din il-Qorti sejra isemmi uhud mill-principji elementari illi fuqhom jissejsu kawzi ghar-Revoka ta' Mandati Kawtelatorji.

Il-Qrati enuncjaw principji mportanti fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta' Mandati Kawtelatorji **fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed *prima facie***. Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"** tas-**26 t`April 2002** per **Onor Imhallef Dr. G. Camilleri** intqal hekk:-

> *"Skond l-**artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12** jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."*

Illi fid-digriet fl-ismijiet **"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** tal-**10 ta' Mejju 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** , u **"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et" tad-29 ta' Novembru 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad ukoll

> *"li mid-dispozizzjoni tal-istess* ***Artikolu 836*** *jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **"Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti"** tas- **27 ta' Gunju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad:-

> ***"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye***

> ***Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP)  7 ta' Frar 2001)".***

Vide ukoll (**"Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian**" **–**tat-**30 ta ` Mejju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace**) kif ukoll "**John Zarb vs Port Cottonera Ltd**" tas-**16 ta` Settembru 2002** per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia**).

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta u mhux kontestat illi bejn il-partijiet hemm proceduri fl-ismijiet inversi, permezz ta' liema is-sekwestrati qieghdin jimpunjaw it-testment ta' Salvatore Zammit, liema testament istitwixxa lis-sekwestrant bhala l-unika eredi tal-istess Zammit. Fil-mori ta' din il-kawza, is-sekwestrati kienu ottjenew il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra s-sekwestrant, permezz ta' liema, huwa gie inibit milli jkollu access ghall-assi ereditarji ta' Zammit, u ghalhekk is-sekwestrant ma prezentax id-dikjarazzjoni causa mortis.

Ghalhekk is-sekwestrant intavola proceduri quddiem din il-Qorti (Rikors guramentat nru. 862/2016JPG) permezz ta' liema qieghed jitlob il-hlas ta' danni minghand is-sekwestrati konsistenti f'telf monetarju minhabba li ma istghax igawdi l-frott tal-wirt tieghu u minhabba li ma jistghax jaghmel id-denunzja causa mortis. Flimkien ma' din il-kawza, is-sekwestrant intavola mandat ta' sekwestru fis-somma ta' €100,000, bl-imghax u spejjez riservati, u l-kawzali ta dan il-mandat gew dikjarati li huma:

> *"danni, multi, u penali inkorsi, kawza tal-agir abbuziv li biha ma tistghax tigi kompletata l-proceduta fiskali inkluza causa mortis ta' Salvatore Zammit."*

Il-Qorti hija tal-fehma illi fid-dawl tal-gurisprudenza citata aktar il-fuq, jezistu l-elementi necessarji ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni. Jirrizulta illi l-kawzali li fuqhom huwa msejjes il-mandat ta' sekwestru huwa **agir abbuziv** minn naha tas-sekwestrati. Pero, fir-realta jidher li dan l-agir abbuziv reklamat m'huwa xejn iktar milli t-tehid mis-sekwestrati ta' proceduri legali sabiex jikkawtelaw id-drittijiet taghhom fil-kaz illi it-testment ta' Salvatore Zammit jigi dikjarat null. M'hemm xejn abbuzziv meta persuna tikkawtela d-drittijiet taghha pendent l-ezitu ta' kawza minnha ntavolata. Ghalhekk, galadarba ma jirrizultax *prima facie* il-kawzali sottomessa mis-sekwestrant u cioe l-agir abbuziv, bhala bazi ghal hrug tal-mandat ta'sekwestru de quo, dan il-mandat ghandu jigi revokat.

**Ikkonsidrat;**

Is-sekwestrati talbu wkoll illi s-sekwestrant jigi ordnat ihallas penali peress illi t-talba tas-sekwestrat hi ghal kollox fiergha.

It-talba ghall-penali taht l-Artikolu 836(8) hija sanzjoni fakoltativa imholliha fid-diskrezzjoni tal-istess Qorti wara li jintwera ghas-sodisfazzjoni taghha, li sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsuba mill-ligi ghall-impozizzjoni tal-istess sanzjoni, u cioe' c-cirkostanzi indikati fis-subincizi (a) sa (d), tal-Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.[1] L-Artikolu 836(8) tal-Kapitoli 12 huwa ta' ordni pubblika bl-iskop li jigi assikurat is-serjeta tal-process gudizzjarju u sabiex l-istitut ta' mandati kawtelatorji ma jigix uzat abbusivament.[2]

Ghalhekk il-Qorti tkun tenuta li timponi dawn il-penali biss fejn jirrizultaw l-estremi indikati mill-ligi, u cioe:

[1] **Av. Ann Fenech noe vs Il-Bastiment MY Whispering Angel**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 5 ta' Gunju 2015.
[2] **Joseph Tabone vs Capece Construction Limited**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 14 ta' Awissu 2013; **Carmel Farrugia et vs Charmaine Farrugia noe et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 2 ta' Awissu 2012; **Cole Foods Limited vs Euro Imports Limited**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 13 ta' Marzu 2003; **Joseph Rapa vs Raymond Sammut**, Qorti tal-Appell Civili, deciza 13 ta' Marzu 2001.

a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;

b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall- ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed: Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat;

c) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapacità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew;

d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.

Ghalkemm ir-rikorrent ma jispecifikax taht liema subinciz qieghed jibbaza t-talba tieghu, mix-xhieda tieghu jidher illi t-talba hija bbazata fuq is-subinciz (d).

Kif gie ritenut ripetutament minn dawn il-Qrati, minn jagixxi biex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu ma jistghax jigi punit talli ghamel dan, anki f'kaz fejn l-azzjoni tieghu ma jkollhiex ezitu favorevoli.[3]

Inoltre, l-buona fede hija prezunta u l-hazen irid jigi provat.[4] Ghalhekk min jissoleva l-malizja u l-frivolita jehtieg illi jipprovahom.[5]

---

[3] **Dolores sive Doreen Vella vs Peter Paul Vella noe et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 25 ta' Gunju 2014; **Emanuel Gauci noe et vs Michelina Bugeja et**, Qorti tal-Magistrati, deciza 6 ta' Mejju 2014; **Joseph sive Joe u Mary konjugi Parnis vs Joan sive Jane Pace**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 28 ta' Settembru 2001.

[4] **Av. Ann Fenech noe vs Il-Bastiment MY Whispering Angel**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 5 ta' Gunju 2015.

[5] **Dolores sive Doreen Vella vs Peter Paul Vella noe et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 25 ta' Gunju 2014.

Fil-kaz de quo, is-sekwestrati ma ressqu l-ebda provi ta' malizja u frivolita minn naha tas-sekwestrant. Ma jirrizultax illi d-domanda tas-sekwestrant ghal hrug ta' mandat ta' sekwestru biex jkkawtela d-drittijiet tieghu kienet wahda malizjuza jew frivola fic-cirkostanzi, u dan ikkonsidrat il-fatt illi imghaxijiet ta' 8% imposti fuq l-assi ereditarji konsiderevoli tad-decujus waqt illi ma tistghax issir id-denunzja causa mortis pendenti l-ezitu tal-kawza, jistghu jammontaw ghal-somma konsiderevoli **ghal min ser ikollu eventwalment ihallas din il-penali.** Ghalhekk, ghalkemm il-kawzali tas-sekwestrant (l-agir abbuziv) ghal hrug tal-mandat ta' sekwestru kienet infondata, dan ma jfissirx li jirrizulta wkoll illi t-talba kienet malizjuza jew frivola.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa l-ewwel talba u thassar il-mandat ta' sekwestru bin-numru 1287/16 tichad it-tieni talba tas-sekwestrati.

L-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tas-sekwestrant in kwantu ghal tlett kwarti (¾), u in kwantu ghar-rimanenti kwart (¼) a karigu tas-sekwestrati.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**